Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WATHELET
ippreżentati fl-14 ta’ April 2016 [1]

**Kawża C-115/15**

**Secretary of State for the Home Department**
**vs**
**NA**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division) (qorti tal-appell [l-Ingilterra u Wales] [taqsima ċivili] ir-Renju Unit)]

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikoli 20 TFUE u 21 TFUE — Punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38 — Divorzju — Żamma tad-dritt ta’ residenza ta’ ċittadin ta’ Stat terz li għandu l-kustodja ta’ wlied minuri li għandhom in-nazzjonalità ta’ Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea — L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1612/68”

## I – **Introduzzjoni**

1. Il-kwistjoni fiċ-ċentru ta’ din il-kawża hija dik li jkun magħruf jekk ċittadin ta’ pajjiż terz, li kien jirrisjedi fi Stat Membru ma’ ċittadin tal-Unjoni Ewropea, bħala konjuġi ta’ dan tal-aħħar, jistax ikompli jirrisjedi f’dan l-Istat meta ċ-ċittadin tal-Unjoni jkun definittivament ħalla l-Istat inkwistjoni u meta l-proċedura ta’ divorzju ġiet ippreżentata wara t-tluq tiegħu.

2. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni biex tindirizza din il-kwistjoni fis-sentenza Singh *et* (C-218/14, EU:C:2015:476). Madankollu, b’differenza għal din l-ewwel kawża, it-tluq tal-konjuġi u d-divorzju konsekuttiv seħħew f’kuntest ta’ vjolenza domestika. Issa, għalkemm l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta’ April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE [2], ikopri din is-sitwazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma kellhiex l-okkażjoni biex tinterpretah.

3. Il-preżenza, fit-territorju tal-pajjiż ospitanti, ta’ żewġt itfal imwielda mill-unjoni bejn ċittadin tal-Unjoni u ċ-ċittadin ta’ Stat terz, jagħti wkoll lill-Qorti tal-Ġustizzja l-okkażjoni sabiex tispeċifika l-kriterji ta’ evalwazzjoni tat-test taċ-“ċaħda tal-essenzjal [tas-sustanza] tad-drittijiet” li jirriżultaw mill-ġurisprudenza inizjata mis-sentenza Ruiz Zambrano(C-34/09, EU:C:2011:124).

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46, kif ukoll ir-rettifiki ĠU 2004, L 229, p. 35, u ĠU 2005, L 197, p. 34.

## II – **Il-kuntest ġuridiku**

### A – *It-Trattat FUE*

4. L-Artikolu 20 TFUE jispeċifika li qed tiġi stabbilita ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u li kwalunkwe persuna li għandha ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru hija ċittadina tal-Unjoni. Skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, iċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom, b'mod partikolari, "id-dritt ta' moviment liberu u d-dritt ta' residenza libera fit-territorju ta' l-Istati Membri". Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 20(2) TFUE, dan id-dritt għandu jiġi eżerċitat "skond il-kondizzjonijiet u fil-limiti definiti fit-Trattati u permezz tal-miżuri adottati għall-applikazzjoni tagħhom".

5. L-Artikolu 21(1) TFUE madankollu jispeċifika li għalkemm kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt li jmur minn post għal ieħor u li jirrisjedi liberament fit-territorju tal-Istati Membri, dan id-dritt għandu jiġi eżerċitat "salvi l-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u d-dispożizzjonijiet meħuda sabiex dan jitwettaq".

### B – *Id-Direttiva 2004/38*

6. Skont il-premessa 15 tad-Direttiva 2004/38, "[i]l-membri tal-familja għandhom ikunu ġuridikament protetti fil-każ ta' mewt taċ-ċittadin ta' l-Unjoni, ta' divorzju, ta' annullament taż-żwieġ jew tat-tmiem ta' l-unjoni reġistrata. Għandhom għalhekk jittieħdu miżuri li jiżguraw li f'ċirkostanzi bħal dawn, bir-rispett dovut għall-ħajja familjari u għad-dinjità umana, u f'ċerti kondizzjonijiet li jostakolaw abbuż, il-membri tal-familja li qed jgħixu diġà fit-territorju ta' l-Istat Membru ospitanti jżommu d-dritt tagħhom ta' residenza esklussivament fuq bażi personali".

7. L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/38 jirregola r-residenza ta' aktar minn tliet xhur kif ġej:

"1. Iċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni għandhom id-dritt ta' residenza fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għal perjodu ta' aktar minn tliet xhur jekk huma:

(a) ħaddiema jew nies li jaħdmu għal rashom fl-Istat Membru ospitanti; jew

(b) għandhom biżżejjed riżorsi għalihom u għall-membri tal-familja tagħhom biex ma jkunux ta' piż fuq is-sistema ta' l-għajnuna soċjali ta' l-Istat Membru ospitanti matul il-perjodu tagħhom ta' residenza u għandhom assigurazzjoni ta' mard komprensiva fl-Istat Membru ospitanti; [...]

[...]

2. Id-dritt ta' residenza previst fil-paragrafu 1 għandu jkun estiż għall-membri tal-familja li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru, li jakkumpanjaw jew li jingħaqdu maċ-ċittadin ta' l-Unjoni fl-Istat Membru ospitanti, sakemm dan iċ-ċittadin ta' l-Unjoni jissoddisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 (a), (b) jew (ċ).

[...]"

8. Skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38:

“Mingħajr preġudizzju għat-tieni sottoparagrafu, id-divorzju, l-annullament taż-żwieġ taċ-ċittadin ta’ l-Unjoni jew it-tmiem ta’ l-unjoni reġistrata, kif imfissra fil-punt 2(b) ta’ l-Artikolu 2 ma jfissirx telf tad-dritt ta’ residenza tal-membri tal-familja taċ-ċittadin ta’ l-Unjoni li m’għandhomx ċittadinanza ta’ Stat Membru fejn:

(a) qabel il-bidu tal-proċeduri ta’ divorzju jew ta’ annullament jew it-tmiem ta’ l-unjoni reġistrata msemmija fil-punt 2(b) ta’ l-Artikolu 2, iż-żwieġ jew l-unjoni reġistrata damu minn ta’ l-inqas tliet snin, inkluż sena fl-Istat Membru ospitanti; jew

(b) ir-raġel/mara jew is-sieħeb/sieħba li m’għandhomx iċ-ċittadinanza ta’ Stat Membru u li għandhom il-kustodja tat-tfal taċ-ċittadin ta’ l-Unjoni skond ftehim bejn il-miżżewġin jew bejn is-sieħeb/sieħba kif imfissra fil-punt 2(b) ta’ l-Artikolu 2, jew b’deċiżjoni ġudizjarja; jew

(ċ) dan hu ġustifikat minn ċirkostanzi b’mod partikolari diffiċli, bħall-fatt li tkun vittma ta’ vjolenza domestika matul iż-żwieġ jew l-unjoni reġistrata; jew

(d) ir-raġel/mara jew is-sieħeb/sieħba li m’għandhomx iċ-ċittadinanza ta’ Stat Membru u li għandhom id-dritt ta’ aċċess għal tifel/tifla minorenni skond ftehim bejn il-miżżewġin jew bejn is-sieħeb/sieħba kif imfissra fil-punt 2(b) ta’ l-Artikolu 2, jew b’deċiżjoni ġudizzjarja, b’kondizzjoni li l-Qorti ddeċidiet li dan l-aċċess għandu jkun fl-Istat Membru ospitanti, u għal tul ta’ żmien meqjus bħala neċessarju.

Qabel jinkiseb id-dritt ta’ residenza permanenti, id-dritt ta’ residenza tal-persuni kkonċernati għandu jibqa’ s-suġġett tal-ħtieġa li huma jkunu jistgħu juru li huma ħaddiema jew li huma persuni li jaħdmu għal rashom jew li għandhom biżżejjed riżorsi għalihom u għall-membri tal-familja tagħhom biex ma jkunux ta’ piż fuq is-sistema ta’ għajnuna soċjali fl-Istat Membru ospitanti matul il-perjodu ta’ residenza tagħhom u li għandhom assigurazzjoni ta’ mard komprensiva fl-Istat Membru ospitanti, jew li huma membri min-nukleu familjari, diġà kkostitwit fl-Istat Membru ospitanti, ta’ persuna li tissoddisfa dawn il-ħtiġiet. ‘Riżorsi biżżejjed’ huma dawk indikati fl-Artikolu 8(4).

Dawn il-membri tal-familja għandhom iżommu d-dritt ta’ residenza esklussivament b’titlu personali.”

9. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2004/38 jipprovdi li ċ-ċittadini tal-Unjoni li jkunu rrisjedew legalment għal perjodu kontinwu ta’ ħames snin fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti jiksbu d-dritt ta’ residenza permanenti f’dak it-territorju. Skont il-paragrafu 2 tal-istess artikolu, ir-regola “ għand[ha t]applika wkoll għall-membri tal-familja li m’għandhomx ċittadinanza ta’ Stat Membru u li għexu [rrisjedew] legalment maċ-ċittadin ta’ l-Unjoni fl-Istat Membru ospitanti għal perjodu kontinwu ta’ ħames snin”.

## C – *Ir-Regolament (KEE) Nru 1612/68*

10. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KKE) [(KEE)] Nru 1612/68 tal-Kunsill, tal-15 ta’ Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità[3], “[i]t-tfal ta’ ċittadin ta’ Stat Membru li hu jew kien impjegata fit-territorju ta’ Stat Membru ieħor għandhom ikunu ammessi għall-korsijiet edukattivi ġenerali, ta’ apprendistat u professjonali ta’ dak l-Istat taħt l-istess kondizzjonijiet bħal ċittadini ta’ dak l-Istat, jekk dawn it-tfal ikunu qegħdin jgħixu fit-territorju tiegħu”.

3 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p.15.

## III – **Il-fatti li wasslu għall-kawża**

11. NA hija ċittadina Pakistana. F'Settembru 2003, hija żżewġet lil KA f'Karachi (il-Pakistan). Wara li mar il-Ġermanja u rrisjeda hemmhekk, dan tal-aħħar kiseb iċ-ċittadinanza Ġermaniża.

12. F'Marzu 2004, il-koppja marret tgħix fir-Renju Unit u fis-7 ta' Novembru 2005, kisbet permess ta' residenza validu sal-21 ta' Settembru 2009.

13. Madankollu, ir-relazzjoni tagħhom marret għall-agħar sal-punt li NA saret vittma ta' diversi atti ta' vjolenza domestika. Wara aggressjoni fuq il-persuna ta' NA (meta kellha iktar minn ħames xhur tqala), KA telaq mid-dar matrimonjali f'Ottubru 2006. F'Diċembru 2006, huwa telaq għalkollox mir-Renju Unit u rritorna lura l-Pakistan.

14. Meta kien jirrisjedi fir-Renju Unit, KA ħadem kemm bħala impjegat kif ukoll għal rasu. Fil-5 ta' Diċembru 2006, huwa talab lill-awtoritajiet Brittaniċi jannullaw il-permess ta' residenza ta' NA minħabba li kien stabbilixxa ruħu b'mod permanenti fil-Pakistan. Huwa talab li jiġi informat meta l-permess jiġi annullat.

15. Huwa allega li kien iddivorzja lil NA permezz ta' *talaq*[4] ippronunzjat f'Karachi fit-13 ta' Marzu 2007. F'Settembru 2008, kienet NA li bdiet proċedura ta' divorzju fir-Renju Unit. Is-sentenza definittiva ta' divorzju ngħatat fl-4 ta' Awwissu 2009 u NA kisbet il-kustodja taż-żewġt itfal tal-koppja.

16. MA twieldet fl-14 ta' Novembru 2005 u IA twieldet fit-3 ta' Frar 2007. It-tnejn li huma għandhom ċittadinanza Ġermaniża u minn Jannar 2009 u Settembru 2010 rispettivament, irċevew edukazzjoni fir-Renju Unit.

17. NA ressqet applikazzjoni sabiex tikseb permess ta' residenza permanenti fir-Renju Unit, liema applikazzjoni ġiet irrifjutata.

18. NA appellat minn dan ir-rifjut. Il-qorti tal-ewwel istanza ċaħdet l-appell. Madankollu, fit-22 ta' Frar 2013, il-qorti tat-tieni stanza, l-Upper Tribunal (Immigration and Asylum Chamber) [qorti superjuri (awla tal-immigrazzjoni u tal-ażil)] biddlet l-ewwel deċiżjoni.

19. L-ewwel nett, din il-qorti kkonfermat li NA ma bbenefikatx miż-żamma tad-dritt ta' residenza tagħha fuq il-bażi tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38 peress li, fid-data tad-divorzju, KA ma kienx jeżerċita iktar, f'dan l-Istat Membru, id-drittijiet tiegħu bbażati fuq it-Trattati.

20. Min-naħa l-oħra, il-qorti qieset li hija kienet tibbenefika mid-dritt ta' residenza, minn naħa, skont l-Artikolu 20 TFUE, b'applikazzjoni tal-prinċipji previsti fis-sentenza Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124), u, min-naħa oħra, skont l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1612/68.

21. Fl-aħħar nett, peress li ma kienx ikkontestat li r-rifjut ta' dritt ta' residenza fir-Renju Unit fil-konfront ta' NA kien iġiegħel lil uliedha, MA u IA, jitilqu minn dan l-Istat Membru magħha peress li hija kellha l-kustodja esklużiva tagħhom, l-Upper Tribunal (Immigration and Asylum Chamber) [qorti superjuri (awla tal-immigrazzjoni u tal-ażil)], filwaqt li qieset li t-tneħħija prevista ta' MA u ta' IA mir-Renju Unit kienet tikser id-drittijiet tagħhom ibbażati fuq l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), laqgħet l-appell ippreżentat minn NA fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni.

4 — Dan huwa forma ta' divorzu unilaterali li huwa legali fid-dritt Pakistani, iżda ma huwiex irrikonoxxut fir-Renju Unit.

22. NA appellat minn din id-deċiżjoni f'dak li jirrigwarda r-rifjut tad-dritt ta' residenza bbażat fuq l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38. L-awtoritajiet Brittaniċi wkoll appellaw mid-deċiżjoni f'dak li jirrigwarda d-dritt ta' residenza ta' NA, ibbażat, minn naħa fuq l-Artikolu 20 TFUE u, min-naħa l-oħra, fuq l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1612/68. Min-naħa l-oħra, il-motivi tad-deċiżjoni dwar l-Artikolu 8 tal-KEBD ma ġewx appellati.

23. Huwa f'dan il-kuntest li, f'żewġ sentenzi mogħtija, fis-17 ta' Lulju 2014 u fil-25 ta' Frar 2015 rispettivament, il-Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division) [qorti tal-appell (l-Ingilterra u Wales) (taqsima ċivili)] iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel erba' domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

## IV – **It-talba għal deċiżjoni preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

24. Permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Frar 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Marzu 2015, il-Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division) [qorti tal-appell (l-Ingilterra u Wales) (taqsima ċivili)] għalhekk għamlet id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Għandu ċittadin ta' pajjiż terz, li huwa ex konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni, jkun kapaċi li juri li l-konjuġi preċedenti tiegħu kien jeżerċita drittijiet taħt it-Trattat fl-Istat Membru ospitanti fil-mument tad-divorzju tagħhom sabiex iżomm dritt ta' residenza taħt l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38?

2) Ċittadin tal-UE għandu dritt taħt il-liġi tal-UE li jirrisjedi fi Stat Membru ospitanti taħt l-Artikoli 20 u 21 TFUE f'ċirkustanzi fejn l-uniku Stat fi ħdan l-UE li fih iċ-ċittadin huwa intitolat jirrisjedi huwa l-Istat tan-nazzjonalità tiegħu, iżda fejn saret konstatazzjoni ta' fatt minn qorti kompetenti li t-tneħħija taċ-ċittadin mill-Istat Membru ospitanti għall-Istat tan-nazzjonalità tiegħu tikser id-drittijiet tiegħu taħt l-Artikolu 8 tal-KEDB jew taħt l-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-[Unjoni Ewropea] (iktar 'il quddiem il-'Karta')?

3) Jekk iċ-ċittadin tal-UE fit-tieni domanda huwa wild, il-ġenitur li għandu l-kura [kustodja] esklużiva ta' dan il-wild għandu dritt derivat ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti jekk il-wild ikollu jakkumpanja l-ġenitur meta sseħħ it-tneħħija tal-ġenitur mill-Istat Membru ospitanti?

4) Wild għandu dritt ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68 (issa l-Artikolu 10 tar-Regolament [(UE) Nru 492/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2011, dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, p. 1)]) jekk il-ġenitur tal-wild li jkun ċittadin tal-Unjoni, li kien impjegat fl-Istat Membru ospitanti, ma baqax jirrisjedi fl-Istat Membru ospitanti qabel ma l-minuri daħal fis-sistema edukattiva f'dak l-Istat?"

25. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn NA, minn Aire Centre, mill-Gvern tar-Renju Unit, mill-Gvern Daniż, mill-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u mill-Gvern Pollakk, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, NA, Aire Centre, il-Gvern tar-Renju Unit u l-Kummissjoni nstemgħu waqt is-seduta li nżammet fit-18 ta' Frar 2016.

## V – **Analiżi**

### A – *Fuq in-natura allegatament ipotetika tad-domandi preliminari*

26. Skont il-Gvern tar-Renju Unit, it-tieni u t-tielet domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju huma ta' natura ipotetika u ma humiex rilevanti għat-tilwima peress li NA u wliedha diġà ngħataw dritt ta' residenza fir-Renju Unit fuq il-bażi tal-Artikolu 8 tal-KEDB. Skont il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, din il-konstatazzjoni tirrendi d-domandi kollha magħmula ipotetiċi.

27. F'dan ir-rigward, jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita li, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali kif prevista fl-Artikolu 267 TFUE, hija l-qorti nazzjonali, li quddiemha tkun tressqet il-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tingħata, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża li tkun tinsab quddiemha, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja [5].

28. Skont din il-ġurisprudenza, "id-domandi rigward l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali li dik il-qorti hija responsabbli li tiddefinixxi, u li l-eżattezza tiegħu ma għandhiex tiġi vverifikata mill-Qorti tal-Ġustizzja, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza" [6].

29. Fil-kawża inkwistjoni, ma jidhirx b'mod manifest li l-problema li wasslet għad-domandi magħmula hija purament ipotetika.

30. Fil-fatt, ma jistax jiġi eskluż li r-risposti li se tagħti l-Qorti tal-Ġustizzja għad-diversi domandi li sarulha jiddeterminaw jekk NA għandhiex id-dritt li tibbenefika minn ċerti benefiċċji tas-sigurtà soċjali u minn benefiċċji mhux kontributorji li attwalment ġew irrifjutati lilha minħabba l-limitazzjoni tad-drittijiet mogħtija minn dritt ta' residenza bbażat fuq l-Artikolu 8 tal-KEDB [7]. Dritt ta' residenza bbażat direttament fuq id-dritt tal-Unjoni, tal-inqas, jista' jagħti lil NA livell ogħla ta' ċertezza legali [8].

31. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li d-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju huma ammissibbli.

### B – *Osservazzjonijiet preliminari fuq l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2004/38*

32. Il-qorti tar-rinviju llimitat id-domandi tagħha għall-interpretazzjoni tal-Artikoli 20 TFUE u 21 TFUE, tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38 u tal-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1612/68.

33. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tispeċifika – b'mod partikolari f'kawża dwar id-dritt ta' residenza ta' ċittadin ta' Stat terz li huwa axxendent dirett ta' ċittadini tal-Unjoni li huma minuri, li dan il-fatt ma jipprekludix li l-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi l-elementi kollha ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jistgħu jkunu utli għad-deċiżjoni tal-kawża li tressqet quddiemha, kemm jekk dik il-qorti tkun għamlet riferiment għalihom fid-domandi tagħha kemm jekk le [9].

5 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Trespa International (C-248/07, EU:C:2008:607, punt 32).

6 — Sentenza Wojciechowski (C-408/14, EU:C:2015:591, punt 32). Ara wkoll, fost diversi sentenzi, is-sentenzi Pujante Rivera (C-422/14, EU:C:2015:743, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll Trespa International (C-248/07, EU:C:2008:607, punt 33).

7 — Ara f'dan is-sens, l-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati minn NA (punt 7).

8 — Ara f'dan is-sens, l-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati minn Aire Centre (punt 3).

9 — Ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 20).

34. Fil-kawża inkwistjoni, il-Kummissjoni tistaqsi, fl-osservazzjonijiet bil-miktub, dwar il-possibbiltà għal NA li tingħata dritt ta' residenza permanenti fuq il-bażi tal-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2004/38, u dan wara Marzu 2009.

35. Fil-fatt, skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2004/38, il-membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, li ma għandux ċittadinanza ta' Stat Membru, jibbenefika minn dritt ta' residenza ta' iktar minn tliet xhur meta jakkumpanja jew jingħaqad mal-imsemmi ċittadin tal-Unjoni fl-Istat Membru ospitanti, sakemm dan tal-aħħar jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7(1)(a) sa (ċ) tad-Direttiva 2004/38 [10].

36. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2004/38, jekk ir-residenza tkompli legalment "maċ-ċittadin ta' l-Unjoni fl-Istat Membru ospitanti għal perjodu kontinwu ta' ħames snin", il-membru tal-familja tal-imsemmi ċittadin tal-Unjoni, li ma jkollux iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru, jakkwista dritt ta' residenza permanenti fl-istess territorju.

37. Issa, fil-kawża inkwistjoni, mill-atti tal-proċess li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha għad-dispożizzjoni tagħha jirriżulta li NA waslet fit-territorju tar-Renju Unit ma' KA, ir-raġel tagħha, ċittadin tal-Unjoni, f'Marzu 2004. Barra minn hekk, ma huwiex ikkontestat li, sa ma telaq f'Diċembru 2006, KA kien ħaddiem impjegat jew ħaddiem għal rasu. Għalhekk NA setgħet tippretendi, tal-inqas sa dik id-data, dritt ta' residenza fuq il-bażi tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2004/38.

38. Sussegwentement, ġie stabbilit ukoll li NA kellha l-kustodja esklużiva taż-żewġ uliedha (li wieħed minnhom twieled qabel ma KA telaq mid-dar matrimonjali), li huma ċittadini tal-Unjoni, peress li huma ċittadini Ġermaniżi.

39. Fuq il-bażi tal-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639), id-dritt ta' residenza dderivat ta' NA għaldaqstant kompla b'mod kontinwu bis-saħħa ta' wliedha [11]. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kundizzjonijiet previsti mid-Direttiva 2004/38, sabiex wild, ċittadin tal-Unjoni, jibbenefika minn dritt ta' residenza fit-territorju ta' Stat Membru li ma għandux iċ-ċittadinanza tiegħu jiġu ssodisfati bil-kundizzjoni li *xi ħadd* (mhux neċessarjament il-wild stess, iżda, fil-kawża inkwistjoni, wieħed mill-ġenituri tiegħu) jista' jiggarantixxi li jissodisfa r-rekwiżiti finanzjarji u kundizzjonijiet oħra rikjesti sabiex ċittadin tal-Unjoni li ma jaħdimx ikun jista' jibbenefika minn dritt ta' residenza fi Stat Membru ieħor [12].

40. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, f'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Artikolu 20 TFUE u d-Direttiva 2004/38 "jikkonferixxu [...] fuq ċittadin minorenni ta' età żgħira ta' Stat Membru, li huwa kopert minn assigurazzjoni adegwata kontra l-mard u li huwa fil-kura ta' ġenitur, li, min-naħa tiegħu, huwa ċittadin ta' Stat terz u li għandu riżorsi biżżejjed sabiex ta' l-ewwel ma jsirx piż fuq il-finanzi pubbliċi ta' l-Istat Membru ospitanti, dritt ta' residenza għal perijodu indeterminat fit-territorju ta' dan l-aħħar Stat. *F'każ bħal dan, dawn l-istess dispożizzjonijiet jippermettu lill-ġenitur li għandu effettivament il-kustodja ta' dan iċ-ċittadin li jgħix miegħu fl-Istat Membru ospitanti*" [13].

10 — Jiġifieri li jkun ħaddiem impjegat jew li jaħdem għal rasu fl-Istat Membru ospitanti jew li jkollu, għalih u għall-membri tal-familja tiegħu, biżżejjed riżorsi sabiex ma jsirx ta' piż fuq is-sistema ta' assistenza soċjali tal-Istat Membru ospitanti u assigurazzjoni tal-mard kompleta f'dan l-istess Stat jew ikun f'dan l-Istat għall-iskop prinċipali li jsegwi kors ta' studju (bil-kundizzjoni li jissodisfa l-istess rekwiżiti ta' riżorsi u ta' kopertura medika bħal dawk iċċitati iktar 'il fuq).

11 — Sentenza Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639, punti 45 sa 47). Ara wkoll is-sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 29).

12 — Ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639, punti 28 u 30, kif ukoll il-punti 41 u 47) u s-sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 27).

13 — Sentenza Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639, punt 47). Enfasi miżjuda minni.

41. Jidher li jirriżulta mill-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-avukat ta' NA, waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2016, li l-kundizzjonijiet ta' "riżorsi biżżejjed" ma ġewx issodisfati fil-kawża inkwistjoni. Madankollu, huwa kompitu tal-qorti nazzjonali biex tivverifika jekk dawn il-kundizzjonijiet ġewx issodisfati bejn il-mument li r-raġel telaq mir-Renju Unit u Marzu 2009, id-data li fiha NA kienet tkun residenti għal ħames snin fir-Renju Unit. Jekk il-qorti tar-rinviju tikkonstata l-eżistenza ta' perijodu kontinwu ta' "residenza legali" ta' ħames snin fir-rigward ta' NA, allura din, f'dak il-mument, akkwistat id-dritt ta' residenza permanenti skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2004/48.

42. Ċertament, b'differenza mis-sitwazzjonijiet fattwali li taw lok għas-sentenzi Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639) u Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645), id-dritt ta' residenza dderivat ta' NA eventwalment ma jkunx marbut mad-dritt ta' residenza tal-istess ċittadin tal-Unjoni (il-wild tagħha). Id-dritt kien jibda permezz tad-dritt ta' residenza tar-raġel tagħha, imbagħad jissokta permezz ta' dak ta' wliedha.

43. F'dan ir-rigward, huwa minnu li l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2004/38 japplika għall-"membri tal-familja li m'għandhomx ċittadinanza ta' Stat Membru u li għexu [rrisjedew] legalment *maċ*-ċittadin ta' l-Unjoni"[14], li jista' jimplika li d-dritt idderivat invokat għandu jiġi mill-istess persuna.

44. Madankollu, l-okkorrenza matul iż-żmien ta' diversi fatturi ta' rabta maċ-ċittadinanza tal-Unjoni – partikolarment fl-istess unità familjali – ma jidhirlix li hija ta' natura ta' li waħidha tqiegħed fid-dubju l-eżistenza reali ta' residenza legali matul perijodu kontinwu ta' ħames snin. Issa din tabilħaqq hija l-kundizzjoni essenzjali imposta mill-Artikolu 16 sabiex individwu jibbenefika minn dritt ta' residenza permanenti.

45. Fil-fatt, ma jkunx paradossali li ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx mitlub li jżomm koabitazzjoni[15], jew saħansitra "komunjoni konjugali effettiva"[16] *maċ*-ċittadin, iżda li jiġi rrifjutat li r-rabta maċ-ċittadinanza tal-Unjoni – iċ-ċavetta ewlenija għad-dritt ta' residenza – tkompli b'mod kontinwu permezz ta' persuna oħra, f'dan il-każ il-wild jew l-ulied tagħha?

46. Konsegwentement, jidhirli li qari litterali tal-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2004/38, huwa eċċessivament riġoruż meta, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kuntest u l-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2004/38 jipprekludu interpretazzjoni restrittiva tad-dispożizzjonijiet tagħha[17].

47. Barra minn hekk, għall-kompletezza nżid li fil-każ tal-kawża prinċipali, sakemm NA kellha riżorsi biżżejjed sabiex bintha l-kbira ma ssirx ta' piż fuq il-finanzi pubbliċi tal-Istat Membru ospitanti, jidhirli li l-perijodu ta' ħames snin ġie ssodisfat ukoll minn Novembru 2010, peress li MA twieldet fl-14 ta' Novembru 2005.

## C – *Fuq l-ewwel domanda preliminari*

48. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ċittadin ta' pajjiż terz, li huwa ex konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni, għandux ikun f'pożizzjoni li juri li l-konjuġi preċedenti tiegħu kien jeżerċita d-drittijiet tiegħu mogħtija mit-Trattati fl-Istat Membru ospitanti fil-mument tad-divorzju tagħhom sabiex ikun jista' jżomm dritt ta' residenza skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38/KE.

14 — Enfasi miżjuda minni.

15 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Diatta (267/83, EU:C:1985:67, punti 20 u 22), kif ukoll Iida (C-40/11, EU:C:2012:691, punt 58).

16 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Ogieriakhi (C-244/13, EU:C:2014:2068, punti 36, 38 u 47).

17 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Metock *et.* (C-127/08, EU:C:2008:449, punt 84).

49. L-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38 jirregola ż-żamma tad-dritt ta' residenza tal-membri tal-familja fil-każ ta' divorzju, ta' annullament taż-żwieġ jew ta' tmiem tal-unjoni rreġistrata (iktar 'il quddiem "fil-każ ta' divorzju").

50. Sal-lum, din id-dispożizzjoni kienet biss is-suġġett ta' talba għal deċiżjoni preliminari waħda[18]. Is-sitwazzjoni f'dak il-każ kienet dik prevista fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38. Fil-fatt, il-kwistjoni kienet li jiġi ddeterminat jekk ċittadin ta' pajjiż terz, iddivorzjat minn ċittadin tal-Unjoni, li ż-żwieġ tagħhom dam tal-inqas tliet snin qabel il-bidu tal-proċeduri ġudizzjarji ta' divorzju, inkluż tal-inqas sena fl-Istat Membru ospitanti, setax jibbenefika miż-żamma tad-dritt ta' residenza f'dan l-Istat Membru meta l-konjuġi ċittadin tal-Unjoni kien telaq minn dan l-Istat Membru qabel id-divorzju.

51. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li "d-dritt ta' residenza tal-konjuġi taċ-ċittadin tal-Unjoni, ċittadin ta' pajjiż terz, jista' jinżamm biss, fuq il-bażi tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38, jekk l-Istat Membru fejn jirrisjedi dan iċ-ċittadin ikun 'l-Istat Membru ospitanti' fis-sens tal-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2004/38, *fid-data li fiha jinbdew il-proċeduri ġudizzjarji*"[19].

52. Fil-kawża prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha din id-darba teżamina s-sitwazzjoni prevista fil-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38, jiġifieri l-possibbiltà taż-żamma tar-residenza tal-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li ma għandhomx iċ-ċittadinanza ta' Stat membru fil-każ ta' divorzju f'"ċirkostanzi b'mod partikolari diffiċli, bħall-fatt li tkun vittma ta' vjolenza domestika".

53. F'din is-sitwazzjoni, iċ-ċittadin tal-Unjoni konjuġi ta' ċittadin ta' pajjiż terz għandu jkun irrisjeda fl-Istat Membru ospitanti sad-data tad-deċiżjoni ġudizjarja ta' divorzju sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun jista' jibbenefika miż-żamma tad-dritt ta' residenza tiegħu?

1. Il-kuntest interpretatattiv li jirriżulta mis-sentenza Singh *et*

54. Fis-sentenza Singh *et* (C-218/14, EU:C:2015:476), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li talba għal divorzju wara t-tluq tal-konjuġi ċittadin tal-Unjoni ma jistax ikollha l-effett li tnissel mill-ġdid id-dritt ta' residenza tal-konjuġi ċittadin ta' Stat terz "peress li l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2004/38 jirreferi biss għaż-'żamma' ta' dritt ta' residenza eżistenti"[20].

55. Mill-qari tal-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva 2004/38 flimkien, hija kkunsidrat li d-dritt ta' residenza dderivat taċ-ċittadin ta' pajjiż terz jintemm meta l-konjuġi tiegħu, ċittadin tal-Unjoni, jitlaq mill-Istat Membru fejn kienu jirrisjedu sabiex jistabbilixxu ruħu fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz[21].

56. Madankollu, hija qieset li d-dritt ta' residenza tal-konjuġi taċ-ċittadin tal-Unjoni, ċittadin ta' pajjiż terz, jista' jinżamm, fuq il-bażi tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38, jekk l-Istat Membru fejn jirrisjedi dan iċ-ċittadin ikun l-"[Is]tat Membru ospitanti" skont it-tifsira tal-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2004/38, *fid-data li fiha jinbdew il-proċeduri ġudizzjarji*[22].

57. Dawn it-tliet punti tas-sentenza Singh *et* (C-218/14, EU:C:2015:476) jippermettu li tinftiehem il-loġika li tipprevali fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2004/38.

18 — Sentenza Singh *et* (C-218/14, EU:C:2015:476).

19 — Sentenza Singh *et* (C-218/14, EU:C:2015:476, punt 61). Enfasi miżjuda minni.

20 — Punt 67.

21 — Sentenza Singh *et* (C-218/14, EU:C:2015:476, punt 62).

22 — Sentenza Singh *et* (C-218/14, EU:C:2015:476, punt 61).

58. Il-prinċipju huwa t-telf tad-dritt ta' residenza tal-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li ma għandhomx iċ-ċittadinanza ta' Stat membru meta ċ-ċittadin tal-Unjoni li miegħu huwa marbut id-dritt ta' residenza jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru ospitanti. Madankollu, ċerti avvenimenti li jistgħu jseħħu *fil-kuntest* ta' proċedura ta' divorzju, annullament jew tmiem ta' unjoni rreġistrata jippermettu li jinżamm id-dritt ta' residenza tal-membri tal-familja.

59. Fil-fatt, kif turi s-sentenza Singh *et* (C-218/14, EU:C:2015:476) ma humiex id-divorzju, l-annullament taż-żwieġ jew it-tmiem tal-unjoni rreġistrata *bħala tali* li jżommu d-dritt ta' residenza tal-membri tal-familja, iżda s-sitwazzjonijiet speċifiċi ddettaljati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38.

60. F'dan ir-rigward, nirrileva li l-Kummissjoni, fl-osservazzjonijiet tagħha dwar l-Artikolu 13 tal-proposta li wasslet għall-adozzjoni tad-Direttiva 2004/38, kienet diġà ppreżentat id-diversi sitwazzjonijiet previsti bħala "*kundizzjonijiet alternattivi*"[23], jiġifieri li waħda biss hija biżżejjed biex tiskatta ż-żamma tad-dritt ta' residenza.

61. Konsegwentement, is-sitwazzjonijiet previsti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38 għandhom jinftiehmu bħala elementi li jiskattaw id-dritt ta' residenza ta' ċittadin ta' Stat terz, konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni.

62. Jekk l-imsemmi konjuġi jitlaq mill-Istat Membru ospitanti qabel ma jseħħ wieħed minn dawn l-elementi, l-Artikolu 13 ma jistax ikollu bħala effett iż-"żamma" tad-dritt ta' residenza, minħabba li fil-verità dan ikun diġà ntilef. Min-naħa l-oħra, fil-każ fejn it-tluq previst fl-Artikolu 3(2) ikun seħħ wara li jseħħ wieħed mill-avvenimenti – u mhux l-għoti tad-divorzju *stricto sensu* – li jiskatta ż-żamma tad-dritt ta' residenza skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2), it-tluq sussegwenti taċ-ċittadin tal-Unjoni ma jkollu ebda rilevanza.

2. Is-sitwazzjoni ta' "ċirkostanzi b'mod partikolari diffiċli" previsti fil-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38

63. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet li l-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti tfittex li tilħaq[24].

64. It-test tal-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38 waħdu ma jippermettix li tingħata risposta utli għall-ewwel domanda preliminari.

65. Madankollu, nirrileva li, kuntrarjament għas-sitwazzjonijiet l-oħra msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-imsemmi Artikolu 13(2), intuża l-passat kompletament mitmum sabiex tiġi ddefinita s-sitwazzjoni fattwali li tiskatta ż-żamma tad-dritt ta' residenza.

66. Fil-fatt, il-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38 japplika għall-vjolenza domestika "matul iż-żwieġ jew l-unjoni reġistrata". Għalhekk, neċessarjament teżisti differenza fiż-żmien bejn il-vjolenza domestika, element li jiskatta d-dispożizzjoni, u d-divorzju.

67. Barra minn hekk, diversi elementi jippermettulna niddefinixxu l-għan li l-leġiżlatur tal-Unjoni jfittex li jilħaq.

23 — Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familji tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri [COM(2001) 257 finali, ĠU C 270 E, p. 150]. Enfasi miżjuda minni.

24 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Yaesu Europe (C-433/08, EU:C:2009:750, punt 24); Brain Products (C-219/11, EU:C:2012:742, punt 13; Koushkaki (C-84/12, EU:C:2013:862, punt 34), kif ukoll Lanigan (C-237/15 PPU, EU:C:2015:474, punt 35).

68. Minn naħa, il-premessa 15 tad-Direttiva 2004/38 tagħmel riferiment dirett għan-neċessità li "[i]l-membri tal-familja għandhom ikunu ġuridikament protetti fil-każ [...] ta' divorzju, ta' annullament taż-żwieġ jew tat-tmiem ta' l-unjoni reġistrata".

69. Min-naħa l-oħra, l-ispjegazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proposta li wasslet għall-adozzjoni tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2004/38 jispeċifikaw li "din id-dispożizzjoni għandha l-għan li toffri ċerta protezzjoni ġuridika lil dawn il-persuni li d-dritt ta' residenza tagħhom huwa marbut mar-rabta familjali rrappreżentata miż-żwieġ u li, minħabba dan il-fatt, jistgħu jiġu rrikattati b'theddida ta' divorzju" [25].

70. Tali riskju ta' "theddida ta' divorzju" jew ta' rifjut tad-divorzju jidhirli li huwa partikolarment preżenti f'kuntest ta' vjolenza domestika. Fil-fatt, it-telf tad-dritt ta' residenza dderivat għall-konjuġi ċittadin ta' pajjiż terz, fil-każ ta' tluq taċ-ċittadin tal-Unjoni, jista' jintuża bħala mezz ta' pressjoni għall-oppożizzjoni għad-divorzju meta tali ċirkostanzi diġà huma ta' natura li jwasslu għad-dgħufija psikoloġika tal-vittma u, fi kwalunkwe każ, għal biża mill-awtur tal-vjolenza.

71. Ir-rekwiżit ta' preżenza effettiva tal-konjuġi ċittadin tal-Unjoni fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti sad-divorzju, jew tal-inqas, sal-preżentata tal-proċedura ġudizzjarja ta' divorzju, tkun ukoll ta' natura li tikkomprometti l-applikazzjoni tal-imsemmi punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38, fid-dawl tar-riskju ta' sanzjoni kriminali marbuta ma' aġir li jikkostitwixxi vjolenza domestika.

72. Fil-fatt, ma jistax jiġi eskluż li l-awtur ta' tali fatti jfittex li jitlaq mit-territorju fejn ikkommetta l-fatti sabiex jaħrab minn kundanna possibbli, u b'hekk iċaħħad *de facto* liċ-ċittadin ta' Stat terz mid-dritt ta' residenza dderivat tiegħu. Il-preżentata ta' proċedura ta' divorzju minħabba raġunijiet ta' vjolenza domestika tista' twassal, simultanjament, għad-denunzja tal-fatti lill-awtoritajiet ġudizzjarji.

73. Interpretazzjoni tal-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38 li timponi fuq ċittadin ta' Stat terż li juri li l-ex konjuġi tiegħu kien jeżerċita d-drittijiet mogħtija mit-Trattati fl-Istat Membru ospitanti fil-mument tad-divorzju sabiex ikun jista' jżomm id-dritt ta' residenza, għalhekk, manifestament, imur kontra l-għan ta' protezzjoni ġuridika li l-imsemmija dispożizzjoni tfittex li tilħaq.

74. Fl-aħħar nett, kif diġà fakkart qabel, "[f]id-dawl tal-kuntest u tal-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2004/38, id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva ma jistgħux jiġu interpretati b'mod restrittiv u m'għandhomx, f'kull każ, jiġu pprivati mill-effett utli tagħhom" [26].

75. Issa, interpretazzjoni li timponi l-preżenza ta' konjuġi ċittadin tal-Unjoni fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti sal-preżentata tal-proċedura ta' divorzju tkun mhux biss restrittiva, iżda, barra minn hekk, iċċaħħad lid-dispożizzjoni mill-effett utli tagħha, li jikkonsisti fit-trasformazzjoni tad-dritt ta' residenza *dderivat* ta' membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni fi dritt ta' residenza personali f'ċirkustanzi partikolari li jimmeritaw li jiġu protetti.

76. Fil-fatt, għalkemm il-fatt li wieħed ikun vittma ta' att ta' vjolenza domestika ġie kkunsidrat, mil-leġiżlatur tal-Unjoni, bħala motiv li jiġġustifika t-trasformazzjoni ta' dritt idderivat fi dritt individwali, ir-rikonoxximent ta' tali dritt ma jistax jiddependi biss mir-rieda tal-awtur tal-fatti li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti.

25 — Proposta għal Direttiva COM(2001) 257 finali.

26 — Sentenza Metock *et* (C-127/08, EU:C:2008:449, punt 84).

3. Konklużjoni intermedja

77. Anke meta jinqraw flimkien, l-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva 2004/38 ma jawtorizzawx li d-divorzju, l-annullament ta' żwieġ jew it-tmiem tal-unjoni rreġistrata, bħala tali, jinftiehmu bħala elementi li jiskattaw iż-żamma tad-dritt ta' residenza.

78. Dawn is-sitwazzjonijiet preċiżi, previsti fl-intestatura tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2004/38, jikkostitwixxu biss qafas li fih jista' jseħħ wieħed mill-avvenimenti msemmija fil-paragrafu 2 tal-imsemmi artikolu u, b'dan il-mod, iwassal għaż-żamma tad-dritt ta' residenza tal-konjuġi li jkun ċittadin ta' Stat terz jekk, u biss jekk, iċ-ċittadin tal-Unjoni jkun għadu preżenti fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti f'dak il-mument.

79. F'dak li jirrigwarda b'mod iktar preċiż is-sitwazzjoni tal-vjolenza domestika msemmija fil-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2004/38, l-interpretazzjoni teleoloġika ta' din id-dispożizzjoni twassal sabiex il-fatt li sseħħ il-vjolenza domestika jitqies bħala element li jiskatta ż-żamma tad-dritt ta' residenza ta' ċittadin ta' Stat terz, konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni.

80. Kwalunkwe interpretazzjoni oħra ċċaħħad lill-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38 mill-effettività tiegħu, jiġifieri li tiġi żgurata protezzjoni ġuridika lill-vittma ta' att ta' vjolenza, filwaqt li l-interpretazzjoni proposta tirrispetta, barra minn hekk, il-formulazzjoni tad-dispożizzjoni kontenzjuża.

81. Fl-aħħar nett, ir-riskju ta' abbuż invokat fil-premessa 15 tad-Direttiva 2004/38 huwa suffiċjentement eskluż mill-obbligu stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(2), fis-sens li d-dritt ta' residenza tal-persuni msemmija fl-ewwel subparagrafu "għandu jibqa' s-suġġett tal-ħtieġa li huma jkunu jistgħu juru li huma ħaddiema jew li huma persuni li jaħdmu għal rashom jew li għandhom biżżejjed riżorsi għalihom u għall-membri tal-familja tagħhom biex ma jkunux ta' piż fuq is-sistema ta' għajnuna soċjali fl-Istat Membru ospitanti matul il-perjodu ta' residenza tagħhom u li għandhom assigurazzjoni ta' mard komprensiva fl-Istat Membru ospitanti, jew li huma membri min-nukleu familjari, diġà kkostitwit fl-Istat Membru ospitanti, ta' persuna li tissoddisfa dawn il-ħtiġiet".

82. Wara din l-analiżi, nipproponi għalhekk li r-risposta għall-ewwel domanda preliminari magħmula għandha tkun li, f'sitwazzjoni fejn id-divorzju jkun konsegwenza ta' vjolenza domestika, il-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artiklolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38 ma jirrikjedix li ċ-ċittadin tal-Unjoni, konjuġi taċ-ċittadin ta' Stat terz, jirrisjedi huwa stess fit-tettitorju tal-Istat Membru ospitanti konformement mal-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva, fil-mument tad-divorzju, sabiex dan iċ-ċittadin ta' Stat terz ikun jista' jżomm dritt ta' residenza personali skont din id-dispożizzjoni.

D – *Fuq it-tieni u t-tielet domandi preliminari*

83. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tfittex li tkun taf jekk l-Artikolu 20TFUE u/jew l-Artikolu 21 TFUE għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li Stat Membru jirrifjuta li jagħti lil ċittadin tal-Unjoni dritt ta' residenza fit-territorju tiegħu meta jkun ġie kkonstatat minn qorti kompetenti li t-tneħħija tiegħu lejn l-Istat Membru li tiegħu għandu ċ-ċittadinanza jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB u tal-Artikolu 7 tal-Karta.

84. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tipprevedi l-istess sitwazzjoni iżda għal ċittadin ta' Stat terz li jkun il-ġenitur li jkollu l-kustodja esklużiva ta' ċittadin tal-Unjoni.

85. Dawn id-domandi ġew ittrattati flimkien mill-partijiet kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub, minbarra l-Gvern tar-Renju Unit. Nikkunsidra wkoll li dawn iż-żewġ domandi jistgħu jiġu analizzati flimkien fid-dawl tas-sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645).

86. Fil-fatt, il-kawża li wasslet għal dik is-sentenza kienet tirrigwarda sitwazzjoni komparabbli peress li kienet tikkonċerna wlied li huma ċittadini tal-Unjoni, li twieldu fi Stat Membru li ma kellhomx iċ-ċittadinanza tiegħu, minn missier ċittadin tal-Unjoni u omm ċittadina ta' Stat terz. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja għażlet li l-ewwel nett tindirizza bi prijorità l-kwistjoni fid-dawl tal-Artikolu 21 TFUE, filwaqt li l-qorti tar-rinviju kienet invokat biss l-Artikolu 20 TFUE [27].

1. L-insenjament tas-sentenza Alokpa u Moudoulou dwar l-Artikolu 21 TFUE

87. Fis-sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645), il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fil-kuntest ta' sitwazzjoni li fiha ċittadin tal-Unjoni twieled fl-Istat Membru ospitanti u ma għamilx użu mid-dritt ta' moviment liberu tiegħu, it-termini "għandhom biżżejjed riżorsi", li jinsab fl-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2004/38 u li jikkundizzjona l-legalità ta' residenza ta' iktar minn tliet xhur, "għandhom jiġu interpretati fis-sens li huwa biżżejjed li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkollhom dawn ir-riżorsi disponibbli, mingħajr ma din id-dispożizzjoni tinvolvi l-inqas rekwiżit fir-rigward tal-oriġini tagħhom, b'mod li dawn tal-aħħar jistgħu jiġu pprovduti, *inter alia*, miċ-ċittadin ta' Stat terz, ġenitur taċ-ċittadini ta' età żgħira kkonċernati" [28].

88. Minn din il-konstatazzjoni tirriżulta ġurisprudenza stabbilita fis-sens li "jekk l-Artikolu 21 TFUE u d-Direttiva 2004/38 jagħtu dritt ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti liċ-ċittadin minuri ta' età żgħira ta' Stat Membru ieħor li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1)(b) ta' din id-direttiva, dawn l-istess dispożizzjonijiet jippermettu lill-ġenitur li għandu fil-fatt il-kustodja ta' dan iċ-ċittadin li jirrisjedi miegħu fl-Istat Membru ospitanti" [29].

89. Fil-fatt, "[i]r-rifjut li ġenitur, ċittadin ta' Stat Membru jew ta' Stat terz, li għandu effettivament il-kustodja ta' ċittadin tal-Unjoni li huwa minuri, jitħalla jirrisjedi ma' dan iċ-ċittadin fl-Istat Membru ospitanti jċaħħad minn kull effettività d-dritt ta' residenza ta' dan tal-aħħar, peress illi t-tgawdija tad-dritt ta' residenza minn wild ta' età żgħira timplika neċessarjament li dan il-wild ikollu d-dritt li jkun akkumpanjat mill-persuna li tiżgura effettivament il-kustodja tiegħu u, għalhekk, li din il-persuna tkun fil-pożizzjoni li tirrisjedi miegħu fl-Istat Membru ospitanti matul din ir-residenza" [30].

90. Minħabba li s-sitwazzjoni fattwali tal-kawża prinċipali hija simili, ma nara ebda raġuni għalfejn għandha tiġi skartata tali ġurisprudenza stabbilita u l-konsegwenza li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk ulied NA jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2004/38 u, għaldaqstant, jibbenefikawx minn dritt ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti fuq il-bażi tal-Artikolu 21 TFUE [31].

91. Għalhekk, "[b]'mod partikolari, din il-qorti għandha tivverifika jekk dawn it-tfal ikollhomx, huma stess jew permezz ta' ommhom, riżorsi suffiċjenti u assigurazzjoni għall-mard komprensiva, fis-sens tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2004/38" [32].

92. F'każ kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 21 TFUE ma kienx jipprekludi li jiġi rrifjutat dritt ta' residenza liċ-ċittadin ta' pajjiż terz, minkejja li dan tal-aħħar ikollu l-kustodja esklużiva ta' wlied minuri, ċittadini tal-Unjoni, li jirrisjedu miegħu fit-territorju ta' Stat Membru li ma jkunux ċittadini tiegħu [33].

27 — Sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punti 20, 21 u 32).

28 — Sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 27), li tagħmel riferiment għall-punti 28 u 30 tas-sentenza Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639).

29 — Sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 29), li tagħmel riferiment għall-punti 46 u 47 tas-sentenza Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639).

30 — Sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 — Ara, f'dan is-sens is-sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 — Sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 — Sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 31 u d-dispożittiv).

93. L-eventwali applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Karta (u/jew tal-Artikolu 8 tal-KEDB) ma jidhirlix li għandha effett fuq dan ir-raġunament sa fejn tirrigwarda speċifikament id-dritt ta' moviment liberu, li huwa ggarantit mill-Artikolu 21 TFUE "salvi l-limitazzjonijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u d-dispożizzjonijiet meħuda sabiex dan jitwettaq", bħalma huwa l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/38 [34].

## 2. L-insenjament tas-sentenza Alokpa u Moudoulou dwar l-Artikolu 20 TFUE

94. Għalkemm l-Artikolu 21 TFUE ma jippermettix, mingħajr kundizzjoni, li fuqu jiġi bbażat id-dritt ta' residenza taċ-ċittadin ta' Stat terz li jkollu l-kustodja esklużiva ta' wlied minuri ċittadini tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-Artikolu 20 TFUE għandu portata awtonoma.

95. Fil-fatt, fis-sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645), il-Qorti tal-Ġustizzja espressament indikat li l-qorti nazzjonali, fuq il-bażi tal-Artikolu 20 TFUE, kien għad kellha "tivverifika jekk tali dritt ta' residenza jistax madankollu jingħatalha, fuq bażi eċċezzjonali, fuq il-bażi ta' preġudizzju lill-effettività [sabiex ma tiġix ippreġudikata l-effettività] taċ-ċittadinanza tal-Unjoni li minnha jgawdu t-tfal [taċ-ċittadin ta' Stat terz li għandha l-kustodja esklużiva tagħhom], peress li, bħala konsegwenza għal tali rifjut, dawn it-tfal jiġu obbligati, fil-fatt, li jitilqu mit-territorju tal-Unjoni kkunsidrat fl-intier tiegħu, b'mod li jiġu mċaħħda mit-tgawdija effettiva tas-sustanza tad-drittijiet mogħtija minn dan l-istatus" [35].

96. Dan fil-fatt huwa l-bażi tal-ġurisprudenza mibdija mis-sentenza Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124), kif ġiet ikkonfermata u speċifikata f'diversi sentenzi sussegwenti [36].

97. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li dritt ta' residenza għandu jingħata fuq il-bażi tal-Artikolu 20 TFUE lil ċittadin ta' Stat terz, ġenitur ta' ċittadin tal-Unjoni, bil-kundizzjoni li r-rifjut tal-imsemmi dritt ta' residenza jċaħħad lil dan iċ-ċittadin mit-tgawdija effettiva tas-sustanza tad-drittijiet mogħtija mill-istatus tiegħu ta' ċittadin tal-Unjoni billi jġiegħlu jitlaq mit-territorju kollu tal-Unjoni.

98. Il-kriterju ta' evalwazzjoni taċ-"ċaħda tal-essenzjal [tas-sustanza] tad-drittijiet" huwa, mis-sentenza Dereci *et* (C-256/11, EU:C:2011:734) 'il quddiem, stabbilit b'mod ċar [37]. Il-kwistjoni li tqum hija dik tal-evalwazzjoni tiegħu: l-obbligu li wieħed jitlaq mit-territorju tal-Unjoni għandu jinftiehem ġuridikament jew *in concreto*, fid-dawl tal-fatti?

## 3. Il-kriterji ta' evalwazzjoni tal-obbligu li wieħed jitlaq mit-territorju kollu tal-Unjoni

99. Bħala ċittadini Ġermaniżi, huwa evidenti li ż-żewġ ulied ta' NA għandhom id-dritt jgħixu l-Ġermanja. Konsegwentement, jekk huma jkollhom jitilqu mit-territorju tar-Renju Unit biex imorru l-Ġermanja, ommhom ikollha d-dritt ta' residenza *dderivat* f'dan l-Istat tal-aħħar, konformement mal-prinċipji stabbiliti fis-sentenza Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124) [38].

34 — L-Avukat Ġenerali Mengozzi staqsa wkoll dwar il-possibbiltà li d-dispożizzjonijiet tal-Karta jistgħu jdgħajfu jew jinjoraw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2004/38 bl-għan li jiġi żgurat ir-rispett tal-ħajja tal-familja rrikonoxxut fl-Artikolu 7 tal-Karta (konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Alokpa u Moudoulou, C-86/12, EU:C:2013:197, punt 34). Il-konklużjoni tiegħu kienet simili għal tiegħi peress li kkunsidra li "[madankollu, tali ipoteżi [kienet] tidher li hija diffiċilment fattibbli sa fejn din twassal biex jiġu injorati l-limiti stabbiliti bl-Artikolu 21 TFUE għad-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni li jwettaq movimenti u li jirresjedi liberament fit-territorju tal-Istati Membri" (punt 35), filwaqt li, f'dan ir-rigward, l-Avukat Ġenerali Mengozzi rrefera għall-kundizzjonijiet stabbiliti mid-Direttiva 2004/38.

35 — Sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 33).

36 — Ara s-sentenzi McCarthy (C-434/09, EU:C:2011:277, punt 47); Dereci *et.* (C-256/11, EU:C:2011:734, punti 64, 66 u 67); Iida (C-40/11, EU:C:2012:691, punt 71); Ymeraga *et* (C-87/12, EU:C:2013:291, punt 36), kif ukoll Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 32). Ara wkoll l-analiżi tal-iżvilupp ta' din il-ġurisprudenza fil-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawżi Rendón Marín u CS (C-165/14 u C-304/14, EU:C:2016:75).

37 — Ara, b'mod partikolari, Nic Shuibhne, N., "(Some of) The Kids Are All Right", *CML Rev.*, 2012 (49), p. 349 sa 380, b'mod partikolari p. 362; Lenaerts, K., "The concept of EU citizenship in the case law of the European Court of Justice", *ERA Forum*, 2013, p. 569 sa 583.

38 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punti 34 u 35).

100. Fil-fatt, li kieku dan ma kienx il-każ, MA u IA jkunu kostretti jitilqu mit-territorju tal-Unjoni sabiex isegwu lil ommhom, probabbilment fil-Pakistan, u b'hekk jiċċaħħdu mit-tgawdija effettiva tas-sustenza tad-drittijiet mogħtija mill-istatus tagħhom ta' ċittadini tal-Unjoni.

101. Sitwazzjoni paragunabbli tat lok għall-kawża li wasslet għas-sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645).

102. F'dik il-kawża, A. D. Alokpa allegat li, jekk l-awtoritajiet Lussemburgiżi jirrifjutawlha dritt ta' residenza meta hija kienet tirrisjedi fit-territorju ta' dan l-Istat Membru ma' wliedha li kienu ċittadini Franċiżi, dan kien se jagħmilha impossibbli għaliha li tmur tirrisjedi fi Franza magħhom u għalhekk kienet se tkun obbligata tirritorna lejn it-Togo.

103. Skont l-Avukat Ġenerali Mengozzi, kellu "[g]ħalhekk [...] jiġi vverifikat jekk l-eżekuzzjoni ta' tali deċiżjoni għandhiex bħala effett, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata Ruiz Zambrano kif ukoll Dereci *et*, li tobbliga fil-fatt liċ-ċittadini tal-Unjoni biex jitilqu mit-territorju tal-Unjoni meħud globalment, billi ċċaħħadhom mit-tgawdija effettiva tal-parti essenzjali [tas-sustanza] tad-drittijiet mogħtija permezz tal-istatus tagħhom" [39].

104. Fis-sentenza sussegwenti tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, bi qbil mal-evalwazzjoni tal-Avukat Ġeneral Mengozzi, li "A. D. Alokpa, fil-kwalità tagħha ta' omm ta' Jarel u Eja Moudoulou u bħala l-unika persuna li teżerċita l-kura effettiva tagħhom sa mit-twelid tagħhom, tista' tibbenefika minn dritt derivat sabiex takkumpanjahom u tirrisjedi magħhom fit-territorju Franċiż" [40].

105. Il-Qorti tal-Ġustizzja minn dan iddeduċiet li, "*fil-prinċipju*, ir-rifjut tal-awtoritajiet Lussemburgiżi li jagħtu dritt ta' residenza lil A. D. Alokpa ma jistax ikollu l-effett li jġiegħel lit-tfal tagħha jitilqu mit-territorju tal-Unjoni kkunsidrat fl-intier tiegħu" [41]. Madankollu, fl-istess punt, hija speċifikat li hija l-qorti tar-rinviju li għandha "[*m]adankollu* [...] tivverifika jekk, *fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, dan huwiex effettivament il-każ*" [42].

106. Din l-aħħar preċiżazzjoni jidhirli li hija essenzjali. Hija tagħmel sens biss jekk l-evalwazzjoni tat-test taċ-"ċaħda tal-essenzjal [tas-sustanza] tad-drittijiet" ma tkunx biss kwistjoni ġuridika.

107. Fil-fatt, il-possibbiltà ġuridika – jiġifieri teoretika – għall-ulied li jkunu ċittadini tal-Unjoni u għall-ġenitur ċittadin ta' Stat terz, li jkollu l-kustodja esklużiva tagħhom, li jirrisjedu fit-territorju tal-Istat Membru li l-ulied huma ċittadini tiegħu, ġiet irrikonoxxuta mill-Qorti tal-Ġustizzja.

108. Issa l-Qorti tal-Ġustizzja tat espressament lill-qorti nazzjonali l-kompitu li tivverifika jekk, "fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ" [43], ir-rifjut tal-Istat Membru ospitanti li jagħti dritt ta' residenza lill-ġenitur ċittadin ta' Stat terz ma jistax ikollu l-konsegwenza li jobbliga lil uliedu jitilqu mit-territorju kollu kemm hu.

39 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:197, punt 52).

40 — Sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 34).

41 — Sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 35). Enfasi miżjuda minni.

42 — Sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 35). Enfasi miżjuda minni.

43 — Sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 35), Enfasi miżjuda minni.

109. Minn din il-preċiżazzjoni jirriżulta li, minn naħa, iċ-ċirkustanzi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni huma, neċessarjament, fattwali[44] u li, min-naħa l-oħra, huma jistgħu jxejnu l-possibbiltà teoretika li ma jkollhomx għalfejn jitilqu mit-territorju tal-Unjoni kollu kemm hu. Fi kliem ieħor, il-prinċipju stabbilit fis-sentenza Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124) jista' jiġi "rriattivat" fir-rigward tal-Istat li l-ulied għandhom iċ-ċittadinanza tiegħu[45].

110. Dan l-eżami fattwali tat-test taċ-"ċaħda tal-essenzjal tad-drittijiet " hija skont il-loġika li għandha tipprevali meta niġu biex nifhmu ċ-ċittadinanza tal-Unjoni.

111. Fil-fatt, l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, skont l-affirmazzjoni stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa intiż li jkun l-istatus *fundamentali* taċ-ċittadini tal-Istati Membri[46]. Għaldaqstant, ma jistax ikun mingħajr sustanza. Kif enfasizza reċentement l-Avukat Ġenerali Szpunar, "[l]i jiġi ddikjarat li ċ-ċittadini tal-Istati Membri huma ċittadini tal-Unjoni joħloq aspettattivi filwaqt li jistabbilixxi drittijiet u dmirijiet"[47].

112. Issa, għalkemm id-dritt ta' moviment u ta' stabbiliment huwa espressament iċċitat bħala dritt taċ-ċittadin tal-Unjoni fl-Artikoli 20 TFUE u 21 TFUE, kif ukoll fl-Artikolu 45 tal-Karta, l-imsemmi ċittadin ma jistax jiċċaħħad mir-rikonoxximent tal-fatt li, possibbilment, huwa ħoloq fi Stat Membru differenti minn tiegħu rabta reali u sostenibbli iktar sinifikattiva jew sostanzjali milli fl-Istat Membru li għandu ċ-ċittadinanza tiegħu.

113. Id-dritt tal-Unjoni probabbilment jista' jagħti s-sustanza lill-kunċett ta' ċittadinanza tal-Unjoni biss bil-kundizzjoni li jorbot il-protezzjoni tagħha mar-rabta ma' post, mal-fatt li ċittadin ikun ankrat ma' territorju u jkun integrat fil-ħajja mhux biss amministrattiva u ekonomika tal-pajjiż ospitanti iżda wkoll fil-ħajja soċjali u kulturali tiegħu[48].

114. Fi kliem ieħor, il-possibbiltà li ċittadin ta' Stat terz u wliedu, ċittadini tal-Unjoni, jistgħu jmorru fl-Istat Membru ta' nazzjonalità ta' dawn tal-aħħar, ma tistax tiġi sostnuta biss fl-astratt[49].

115. Issa, fil-kawża inkwistjoni, jidher li ġie ppruvat li ulied NA, għalkemm ċittadini Ġermaniżi, ma għandhom ebda rabta ma' dan l-Istat Membru minħabba li qatt ma għexu fit-territorju tiegħu u li ma jafux il-lingwa tiegħu. Minħabba li twieldu u rċievew l-edukazzjoni fir-Renju Unit, huwa f'dan l-Istat Membru li huma *bnew* iċ-ċittadinanza tagħhom.

44 — Fis-sentenza Dereci *et* (C-256/11, EU:C:2011:734), il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà ħalliet f'idejn il-qorti nazzjonali l-kompitu li tiddetermina jekk ir-rifjut li jingħata dritt ta' residenza liċ-ċittadin ta' Stat terz ma jwassalx għaċ-ċaħda tat-tgawdija effettiva tas-sustanza tad-drittijiet mogħtija mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni lill-membri tal-familja tiegħu. Bi tweġiba għal ċerta kritika magħmula minn parti mid-duttrina f'dan ir-rigward, Koen Lenaerts iwieġeb li l-kwistjoni li jsir magħruf jekk, billi M. Dereci jiġi sfurzat jitlaq mill-Awstrija, uliedu jkunux obbligati jsegwuh hija "clearly a factual question" (kwistjoni evidentement fattwali) (Lenaerts, K., "The concept of EU citizenship in the case law of the European Court of Justice", *ERA Forum*, 2013, p. 569 sa 583, b'mod partikolari p. 575, nota ta' qiegħ il-paġna 32). Ma nistgħux ħlief napprovaw din il-konstatazzjoni.

45 — L-espressjoni hija mislufa minn Anne Rigaux (Rigaux, A., "Regroupement familial", *Europe*, Diċembru 2013, osservazzjoni 499).

46 — Ara, b'mod partikolari, s-sentenzi Grzelczyk (C-184/99, EU:C:2001:458, punt 31); D'Hoop (C-224/98, EU:C:2002:432, punt 28); Baumbast u R (C-413/99, EU:C:2002:493, punt 82); Garcia Avello (C-148/02, EU:C:2003:539, punt 22); Orfanopoulos u Oliveri (C-482/01 u C-493/01, EU:C:2004:262, punt 65); Pusa (C-224/02, EU:C:2004:273, punt 16); Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639, punt 25); Bidar (C-209/03, EU:C:2005:169, punt 31); Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-147/03, EU:C:2005:427, punt 45); Schempp (C-403/03, EU:C:2005:446, punt 15); Spanja vs Ir-Renju Unit (C-145/04, EU:C:2006:543, punt 74); Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-50/06, EU:C:2007:325, punt 32); Huber (C-524/06, EU:C:2008:724, punt 69); Rottmann (C-135/08, EU:C:2010:104); Prinz u Seeberger (C-523/11 u C-585/11, EU:C:2013:524, punt 24), kif ukoll Martens (C-359/13, EU:C:2015:118, punt 21).

47 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawżi Rendón Marín u CS (C-165/14 u C-304/14, EU:C:2016:75, punt 117).

48 — F'dan ir-rigward, ara Azoulai, L., "Le sujet des libertés de circuler", f'Dubout, É., u Maitrot de la Motte, A., *L'unité des libertés de circulation – In varietate concordia*?, Bruylant, 2013, p. 385 sa 411, b'mod partikolari p. 408.

49 — L-espressjoni hija mislufa mill-Avukat Ġenerali Szpunar (ara l-konklużjonijiet tiegħu fil-kawżi Rendón Marín u CS, C-165/14 u C-304/14, EU:C:2016:75, nota ta' qiegħ il-paġna 109).

116. Il-Kummissjoni stess tikkonstata, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li, għalkemm it-tfal ta' NA jibbenefikaw, "bħala ċittadini Ġermaniżi, minn dritt ta' residenza inkundizzjonat fil-Ġermanja; huwa paċifiku wkoll li wieħed ma jistax raġonevolment jistenna minnhom jew minn ommhom li huma jgħixu f'dan il-pajjiż u, fuq il-bażi ta' dan, il-qrati nazzjonali kkunsidraw li huma ma setgħux jitneħħew mir-Renju Unit lejn il-Ġermanja mingħajr ma jkun hemm ksur tal-KEDB"[50].

117. Għalhekk inqis li, kieku din l-informazzjoni kellha tiġi kkonfermata mill-qorti tar-rinviju, hija jkollha tirrikonoxxi lil MA u IA dritt ta' residenza fir-Renju Unit fuq il-bażi tal-Artikolu 20 TFUE, filwaqt li NA tikseb hija wkoll, b'mod indirett, dritt ta' residenza dderivat. Fil-fatt, ir-rifjut ta' dan id-dritt lil ulied NA jċċaħħadhom mit-tgawdija effettiva tas-sustanza tad-drittijiet mogħtija mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni. Issa, skont is-sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645), l-Artikolu 20 TFUE jipprekludi tali konsegwenza[51].

4. Fuq l-effett tal-Artikolu 7 tal-Karta u tal-Artikolu 8 tal-KEDB

118. Fit-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tfakkar li kien diġà ġie ġudizzjarjament ikkonstatat li t-tneħħija taċ-ċittadini tal-Unjoni, f'dan il-każ l-ulied, mill-Istat Membru ospitanti lejn l-Istat Membru li huma ċittadini tiegħu, tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet mogħtija lilhom mill-Artikolu 8 tal-KEDB u mill-Artikolu 7 tal-Karta.

119. Tali konstatazzjoni hija ta' natura li jkollha effett fuq ir-risposta li għandha tingħata għal din id-domanda?

120. Il-kwistjoni tal-effett tal-Artikolu 7 tal-Karta u tal-Artikolu 8 tal-KEDB fuq l-applikazzjoni tal-Artikolu 20 TFUE diġà tressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fis-sentenza Dereci *et* (C-256/11, EU:C:2011:734), hija rrispondiet għaliha billi kkunsidrat li "jekk il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawżi prinċipali, is-sitwazzjoni tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, hija għandha teżamina jekk ir-rifjut tad-dritt għal residenza ta' dawn tal-aħħar tippreġudikax id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja previst fl-Artikolu 7 tal-Karta. Min-naħa l-oħra, jekk hija tikkunsidra li tali sitwazzjoni ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-drit tal-Unjoni, hija gaħdnha twettaq tali eżami fid-dawl tal-Artikolu 8(1) tal-KEDB"[52].

121. Din il-konklużjoni tinkwetani. Fil-fatt, fis-sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645), il-Qorti tal-Ġustizzja ma toqgħodx lura milli tiddeċiedi li "l-Artikoli 20 TFUE u 21 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux Stat Membru milli jirrifjuta lil ċittadin ta' pajjiż terz dritt ta' residenza fit-territorju tiegħu, meta dan iċ-ċittadin ikollu taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu tfal ta' età żgħira, ċittadini tal-Unjoni, li jkunu jirrisjedu miegħu f'dan l-Istat Membru sa mit-twelid tagħhom, mingħajr ma jkollhom in-nazzjonalità ta' dan l-istess Stat u mingħajr ma jkunu għamlu użu mid-dritt tagħhom ta' moviment liberu, sa fejn dawn iċ-ċittadini tal-Unjoni ma jkunux jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti mid-Direttiva 2004/38 jew tali rifjut ma jkunx iċaħħad l-imsemmija ċittadini mit-tgawdija effettiva tas-sustanza tad-drittijiet mogħtija mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni"[53].

50 — Ara l-punt 36 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni.

51 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 36 u d-dispożittiv).

52 — Punt 72.

53 — Punt 36 u d-dispożittiv.

122. Jekk dispożizzjoni tat-Trattat ma tipprekludix li Stat Membru jirrifjuta dritt ta' residenza bil-kundizzjoni li jiġu osservati ċerti kundizzjonijiet, dan għaliex, *ex hypothesi*, aħna ninsabu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni[54]. F'każ kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddikjara li ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domanda magħmula.

123. Għalhekk jidhirli li huwa ċert li d-domandi marbuta mal-Artikolu 20 TFUE u l-effett taċ-ċittadinanza tal-Unjoni fuq id-dritt ta' residenza jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni[55].

124. Konsegwentement, jekk il-qorti tar-rinviju kkunsidrat li t-tkeċċija ta' ċittadin tal-Unjoni tippreġudika l-Artikolu 7 tal-Karta (jew l-Artikolu 8(1) tal-KEDB peress li l-kontenut tagħhom huwa ekwivalenti), din l-evalwazzjoni għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 20 TFUE u fl-evalwazzjoni tat-test taċ-"ċaħda tal-essenzjal [tas-sustanza] tad-drittijiet ".

125. Barra minn hekk, l-inklużjoni tal-Artikolu 7 tal-Karta fir-riflessjoni tal-qorti nazzjonali dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 20 TFUE ma jidhirlix li hija ta' natura li twassal għal estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, estensjoni li tmur kontra l-Artikolu 51(2) tal-Karta.

126. Fil-fatt, hija ċ-ċittadinanza Ewropea stabbilita fl-Artikolu 20 TFUE li tiskatta l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali – u b'mod iktar partikolari, fil-kawża inkwistjoni, l-Artikolu 7 tal-Karta – u mhux il-kuntrarju[56].

## 5. Konklużjoni intermedja

127. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta għat-tieni u t-tielet domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju għandha tkun li l-Artikoli 20 u 21 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li Stat Membru jirrifjuta li jagħti lil ċittadin ta' pajjiż terz dritt ta' residenza fit-territorju tiegħu, meta dan iċ-ċittadin ikollu l-kustodja esklużiva tal-ulied, ċittadini tal-Unjoni, li jkunu ilhom jirrisjedu miegħu f'dan l-Istat Membru sa minn twelidhom, mingħajr ma jkollhom iċ-ċittadinanza ta' dan l-Istat u mingħajr ma jkunu għamlu użu md-dritt ta' moviment liberu tagħhom, sakemm dawn iċ-ċittadini tal-Unjoni jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti mid-Direttiva 2004/38 jew, fin-nuqqas, sakemm tali rifjut, fil-fatt, iċaħħad lill-imsemmija ċittadini mit-tgawdija effettiva tas-sustanza tad-drittijiet mogħtija mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, liema kwistjoni hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża inkwistjoni. Jekk ikun ġie ġudizzjarjament ikkunsidrat li t-tkeċċija taċ-ċittadini tal-Unjoni kkonċernati tikser l-Artikolu 7 tal-Karta jew l-Artikolu 8(1) tal-KEDB, il-qorti nazzjonali għandha tieħu dan inkunsiderazzjoni.

54 — Ara f'dan is-sens, Carlier, J.-Y., "La libre circulation des personnes dans l'Union européenne", *Journal de droit européen*, 2014, p. 167 sa 175, b'mod partikolari p. 174. Din hija wkoll l-interpretazzjoni tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawżi O. *et* (C-456/12 u C-457/12, EU:C:2013:837). Fil-fatt, skont l-Avukat Ġenerali Sharpston, "jeħtieġ li wieħed iħares lejn is-sitwazzjoni legali mill-perspettiva tal-Karta jekk, u biss jekk teżisti dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li timponi obbligu pożittiv jew negattiv fuq l-Istat Membru (kemm jekk dak l-obbligu joħroġ mit-trattati jew mil-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni)" (punt 61). Issa, dan huwa tabilħaqq il-każ, fil-kawża inkwistjoni, bl-Artikolu 20 TFUE peress li *jissuġġetta* l-possibbiltà għall-Istati Membri li jirrifjutaw dritt ta' residenza għal ċerti kundizzjonijiet.

55 — Din hija wkoll il-konklużjoni li għaliha jasal l-Avukat Ġenerali Szpunar fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawżi Rendón Marín u CS (C-165/14 u C-304/14, EU:C:2016:75, punti 119 u 120), li jgħid li jinsab "konvint" li s-sitwazzjonijiet li jidħlu fil-kuntest tal-ġurisprudenza mibdija mis-sentenzi Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639), Rottmann (C-135/08, EU:C:2010:104), kif ukoll Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124), jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, l-Avukat Ġenerali Szpunar jitlaq mill-konstatazzjoni li ċ-ċittadini tal-Istati Membri jibbenefikaw mill-istatus ta' ċittadini tal-Unjoni. "Għaldaqstant, bħala ċittadini tal-Unjoni, dawn l-ulied għandhom id-dritt ta' moviment u ta' residenza libera fit-territorju tal-Unjoni, u kull limitazzjoni għal dan id-dritt taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni" (punt 120).

56 — Ara f'dan is-sens, Kochenov, D., "The Right to Have *What* Rights? EU Citizenship in Need of Clarification", *European Law Journal*, vol. 19, 2013, p. 502 sa 516, b'mod partikolari p. 511. Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawżi O. *et* (C-456/12 u C-457/12, EU:C:2013:837, punti 62 u 63).

E – *Fuq ir-raba' domanda preliminari*

128. Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1612/68 għandux jiġi interpretat fis-sens li wild, kif ukoll, konsegwentement, il-ġenitur li jkollu l-kustodja tiegħu, jibbenefikaw minn dritt ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti, meta l-ġenitur li jkun ċittadin tal-Unjoni u li ħadem f'dan l-Istat Membru ma baqax jirrisjedi hemmhekk qabel ma l-wild beda l-edukazzjoni tiegħu f'dan l-Istat Membru.

129. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tippermettilna li nirrispondu fl-affirmattiv għal din id-domanda.

130. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "id-dritt rikonoxxut mill-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1612/68 fir-rigward tat-tifel ta' ħaddiem migrant li jsegwi, fl-aħjar kundizzjonijiet, l-edukazzjoni tiegħu fl-Istat Membru ospitanti jimplika neċessarjament li dan it-tifel għandu jkollu d-dritt li jkun akkumpanjat mill-persuna li effettivament tkun responsabbli għall-kura [għall-kustodja] tiegħu u, għalhekk, li din il-persuna tkun tista' tgħix miegħu fl-imsemmi Stat Membru matul l-istudji tiegħu. Jekk l-għoti ta' awtorizzazzjoni ta' residenza jiġi rrifjutat lill-ġenitur effettivament responsabbli għall-kura tat-tifel li jkun qed jeżerċita d-dritt tiegħu li jsegwi l-edukazzjoni tiegħu fl-Istat Membru ospitanti, dan ikun ta' preġudizzju għal dan id-dritt" [57].

131. Ulied ċittadin ta' Stat Membru li jaħdem jew li ħadem fl-Istat Membru ospitanti u l-ġenitur li effettivament għandu l-kustodja tagħhom, jistgħu jipprevalixxu ruħhom, f'dan l-aħħar Stat, minn dritt ta' residenza fuq il-bażi biss tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1612/68 [58].

132. Fis-sentenza Teixeira (C-480/08, EU:C:2010:83), il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li "l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1612/68 huwa intiż b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat li t-tfal ta' ħaddiem ċittadin ta' Stat Membru jkunu jistgħu, *anki jekk huwa ma jkunx għadu jeżerċita attività bħala impjegat fl-Istat Membru ospitanti*, isegwu u, jekk ikun il-każ, jispiċċaw l-edukazzjoni tagħhom f'dan l-Istat Membru" [59].

133. Hija speċifikat ukoll li "[s]kont ġurisprudenza stabbilita sew, l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1612/68 jeżiġi biss li t-tifel ikun għex mal-ġenituri tiegħu jew ma' wieħed minnhom fi Stat Membru waqt li mill-inqas wieħed mill-ġenituri tiegħu jkunu jgħixu hemm fil-kwalità ta' ħaddiem (sentenzi [Brown (197/86, EU:C:1988:323)], punt 30, u Gaal [(C-7/94, EU:C:1995:118)], punt 27)" [60].

134. B'mod saħasitra iktar ċar, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "[g]ħaldaqstant, id-dritt tat-tifel li jgħix f'dan l-Istat sabiex isegwi xi studji, skont l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1612/68, u, konsegwentement, tad-dritt ta' residenza tal-ġenitur li jkollu effettivament il-kustodja tagħhom, ma jistax jiġi suġġett għall-kundizzjoni li wieħed mill-ġenituri tat-tifel ikun wettaq, *fid-data li fiha dan tal-aħħar ikun beda l-istudji tiegħu*, attività professjonali bħala ħaddiem migranti fl-Istat Membru ospitanti" [61].

57 — Sentenza Baumbast u R (C-413/99, EU:C:2002:493, punt 73). Ara wkoll is-sentenza Teixeira (C-480/08, EU:C:2010:83, punt 39).

58 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Ibrahim u Secretary of State for the Home Department (C-310/08, EU:C:2010:80, punt 59); Teixeira (C-480/08, EU:C:2010:83, punt 36), kif ukoll Alarape u Tijani (C-529/11, EU:C:2013:290, punt 26).

59 — Sentenza Teixeira (C-480/08, EU:C:2010:83, punt 51). Enfasi miżjuda minni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi għall-punt 69 tas-sentenza Baumbast u R (C-413/99, EU:C:2002:493).

60 — Sentenza Teixeira (C-480/08, EU:C:2010:83, punt 52).

61 — Sentenza Teixeira (C-480/08, EU:C:2010:83, punt 74). Enfasi miżjuda minni.

135. Fis-sentenza Ibrahim u Secretary of State for the Home Department, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat ukoll li, f'sitwazzjoni fejn wieħed mit-tfal ikkonċernati jkun beda l-edukazzjoni tiegħu *wara* li l-ġenitur, li kien ħaddiem migrant, ikun telaq mill-Istat Membru ospitanti, "id-dritt għal trattament ugwali fir-rigward tal-aċċess għat-tagħlim mhuwiex limitat għat-tfal tal-ħaddiema migranti. Dan id-dritt japplika wkoll għat-tfal ta' persuni *li kienu* ħaddiema migranti" [62].

136. Għalhekk, mingħajr dubju jirriżulta minn din il-ġurisprudenza li l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1612/68 għandu jiġi interpretat fis-sens li wild, kif ukoll, konsegwentement, il-ġenitur li jkollu l-kustodja tiegħu, jibbenefikaw minn dritt ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti, meta l-ġenitur li jkun ċittadin tal-Unjoni u li ħadem f'dan l-Istat Membru ma baqax jirrisjedi hemmhekk qabel ma l-wild beda l-edukazzjoni tiegħu f'dan l-Istat Membru.

137. Din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1612/68 hija, barra minn hekk, konformi mal-prinċipju li din id-dispożizzjoni "ma [t]istax [t]iġi interpreta[a] b'mod restrittiv […] u m'għand[hiex], fi kwalunkwe każ, [t]iġi mċaħħ[da] mill-effett utli [tagħha]" [63].

138. Għall-finijiet prattiċi nżid li, kif jirriżulta mill-fatti li wasslu għas-sentenza Alarape u Tijani (C-529/11, EU:C:2013:290), il-prinċipji mfakkra iktar 'il fuq japplikaw ukoll għaċ-ċittadini ta' Stati terzi, li jkunu axxendenti ta' ċittadini tal-Unjoni.

## VI – **Konklużjoni**

139. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division [qorti tal-appell (l-Ingilterra u Wales) (taqsima ċivili)] kif ġej:

"1) F'sitwazzjoni fejn id-divorzju jkun konsegwenza ta' vjolenza domestika, il-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE, ma jirrikjedix li ċ-ċittadin tal-Unjoni, konjuġi taċ-ċittadin ta' Stat terz, jirrisjedi huwa stess fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti konformement mal-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva, fil-mument tad-divorzju, sabiex dan iċ-ċittadin ta' Stat terz ikun jista' jżomm dritt ta' residenza personali skont din id-dispożizzjoni.

2) L-Artikoli 20 u 21 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu li Stat Membru jirrifjuta li jagħti lil ċittadin ta' pajjiż terz dritt ta' residenza fit-territorju tiegħu, meta dan iċ-ċittadin ikollu l-kustodja esklużiva tal-ulied, ċittadini tal-Unjoni, li jkunu ilhom jirrisjedu miegħu f'dan l-Istat Membru sa minn twelidhom, mingħajr ma jkollhom iċ-ċittadinanza ta' dan l-Istat u mingħajr ma jkunu għamlu użu mid-dritt ta' moviment liberu tagħhom, sakemm dawn iċ-ċittadini tal-Unjoni jissodisafw il-kundizzjonijiet stabbiliti mid-Direttiva 2004/38 jew, fin-nuqqas, sakemm tali rifjut, fil-fatt iċaħħad lill-imsemmija ċittadini mit-tgawdija effettiva tas-sustanza tad-drittijiet mogħtija mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, liema kwistjoni hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża inkwistjoni. Jekk ikun ġie ġudizzjarjament ikkunsidrat li t-tkeċċija taċ-ċittadini tal-Unjoni kkonċernati tikser l-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jew l-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, il-qorti nazzjonali għandha tieħu dan inkunsiderazzjoni.

62 — Sentenza Ibrahim u Secretary of State for the Home Department (C-310/08, EU:C:2010:80, punt 39). Enfasi miżjuda minni.
63 — Sentenza Baumbast u R (C-413/99, EU:C:2002:493, punt 73).

3) L-Artikolu 12 tar-Regolament (KKE) [(KEE)] Nru 1612/68 tal-Kunsill, tal-15 ta’ Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità, għandu jiġi interpretat fis-sens li wild, kif ukoll, konsegwentement, il-ġenitur li jkollu l-kustodja, jibbenefikaw minn dritt ta’ residenza fl-Istat Membru ospitanti, meta l-ġenitur li jkun ċittadin tal-Unjoni u li ħadem f’dan l-Istat Membru ma baqax jirrisjedi hemmhekk qabel ma l-wild beda l-edukazzjoni tiegħu f’dan l-Istat Membru”.